VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 17**

It-Tnejn 7 ta' Lulju, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Raymond Attard, Raymond Azzopardi u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll. Christian Darren Micallef ma setax jattendi minħabba raguni ta' xogħol. Vincent Farrugia Lauri kien ma jiflaħx.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 16 li saret nhar L-Erbgħa 28 ta' Mejju, 2014, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li mill-laqgħa tar-regjun li ssejħet b'urġenza, ir-regjun sar jaf il-wardens rċevew termination min għand il-Kumpanija tal-wardens. Ghalhekk ir-Regjun m ghandu l ebda triq hlief li jsir bdil fil-kumpanija tal-Wardens specjalment wara in-nuqqasijiet serji li kella il-kumpanija tal-wardens tar-regjun fosthom fil-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li fis 19 ta' Lulju 2014 ser issir il-kambjament fit-toroq tan-naħa ta' Hastings u Old Bakery. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Kunsillier Raymond Azzopardi wera t-tħassib tiegħu u nforma li kellu xi llmenti dwar kif se jitilgħu l-karozzi min Triq l-Ifran.

1.3 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli fakkar lill-kunsill dwar il-festi tal-Karmnu li ser issir fis-16 ta' Lulju u il-festa ta' San Duminku li ser issir fit 3 ta' Awwissu.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar l-ftehim li sar bejn xi kunsilli fi Sqallija fosthom Palazzolo kif ukoll il-Belt Valletta. Dan sar wara ż-żjara tiegħu ġewwa Palazzolo. Ghalhekk beda ix-xogħol sabiex tinħoloq fondazjoni sabiex dawn il-kunsilli jaħdmu aktar flimkien speċjalment fuq sfond ta' fondi Ewropei. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar il-laqgħa tar-residenti f'kull parroċċa. San Duminku u San Pawl fil għaxija u Santu Wistin fil għodu.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Fl-assenza tal-Viċi Sindku, s-Sindku Prof Alexiei Dingli preżenta proposta dwar attivita' Sportivi Beltin. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir inkonnesjoni ma' Jum il-Bel biex l-ispejjes jittaffew.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li l-problema tad-dawl għandha tigi indirizzata mill-aktar fis possibli. Għalhekk għandha tissejjaħ laqgħa ma' l-Enemalta.

4. **KORRISPONDENZA**

**4.1** Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin biex Is-Sindku jattendi għal konferenza ġewwa Beijing. Minħabba li is-Sindku ser ikun indispost is-Sindku saqsa lil-Kunsilliera presenti min seta jmur minfloku u il-Minority Leader Dr Norman Shaw wera interess. Għalhekk innomina lil Minority leader sabiex jattendi fl-assenza tiegħu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.2** Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand ir-Restaurant Ambrosia biex jingħata no objection biex japplika għal permess ta' l-imwejjed u siggijiet permanenti fi Triq l-Arċisqof. Il-Kunsill qabel li din m' għandiex tingħata minħabba li f'din it-Triq hemm residential parking. Pero il-Kunsill qabel li Ambrosia jista japplika mal-Kunsill għal permessi temporanji. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.3** Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jiforma li Jerome Caruana ta' la Sfoglia ħariglu l-peress ta' l-imwejjed u siggijiet.

**4.4** Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand MTA dwar breaktime. Il-Kunsill ma qabilx peress li tajjeb li xogħol li għaddej għandu jitlesta mill-aktar fis possibli. Dr Norman Shaw pero lmenta dwar il-fatt li l-kuntratturi mhux qed jużaw plastic u jsiru kundizzjonijiet fil-permessi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5. **AMMINISTRAZZJONI**

**5.1** Is-Segretarja nfurmat li saret talba biex issir traffic calmer fi Triq San Nikola qabel toħrog għal Triq il-Merkanti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.2** Is-Segretarja nfurmat li l-preparamenti biex il-grupp ta' zgħazagħ izuru Derry miexi tajjeb. L-ewwel laqgħa maz-zgħazagħ ser issir nhar il-Erbgħa 30ta' Lulju fis 6.00pm ġewwa l-kunsill lokali.

**5.3** Is-Segretarja preżentat l-ispejjez għax-xahar ta' Mejju - Ġunju 2014. Dawn ġew approvati.

**TMIEM**

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 11 ta' Awwissu 2014 fit -19.00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku